MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 1090/1998/1

**Curacrete Limited**

**v.**

**Malta Dairy Products Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi

ppremettiet illi fid-29 ta’ Lulju 1997 hija nghatat kuntratt ta’ appalt minghand il-kumpanija konvenuta sabiex tesegwixxi l-*preparation and finishing of the Pasteurising deck* fid-*Dairy Hall* tal-impjant taghha fil-Hamrun;  illi waqt li kienu ghaddejjin dawn ix-xogholijiet il-kumpanija konvenuta nkarigat lill-kumpanija attrici tesegwixxi xogholijiet ulterjuri *by bill of quantities* fil-*Bottlewasher Plant* u *by extra work* bbazata fuq ir-rati tal-*bill of quantities* imsemmija fil-*Rikotta cold store area*;  illi l-kumpanija attrici fl-20 ta’ Awissu 1997 kkwotat prezz ghal parti minn dawn ix-xogholijiet bbazat fuq il-volum tax-xoghol u fuq il-prezz ghal kull metru fit-tul (*linear metre*); illi waqt li kien ghaddej ix-xoghol kien hemm varjazzjoni fl-ammont ta’ xogholijiet fosthom l-applikazzjoni ta’ *Fermapoxy* minn 14-il metru fit-tul ghal 1986.4 metru fit-tul;  illi dawn ix-xogholijiet ulterjuri kienu miftehma li jithallsu b’rata ghal kull metru fit-tul u mhux fuq bazi *lump sum*;  illi dawn ix-xogholijiet ulterjuri tlestew u issa l-kumpanija konvenuta qieghda tirrifjuta li thallas skond ir-rata stabbilita ghal kull metru kwadrat u qed tinsisti li l-pagament irid isir fuq bazi *lump sum*;  illi l-kumpanija attrici nterpellat lill-kumpanija konvenuta biex thallas anke permezz ta’ ittra ufficjali però din baqghet inadempjenti; talbet ghaliex dik l-Qorti m’ghandhiex:  1.  tiddikjara li l-pagament dovut minnha ghal xogholijiet ulterjuri esegwiti fl-impjant taghha huwa kkalkulat b’rata ghal kull metru fit-tul (*linear metre*) u mhux *lump sum*;  2.  konsegwentement tillikwida s-somma dovuta ghax-xogholijiet esegwiti fuq riferiti okkorrendo permezz ta’ perit nominandi;  3. tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-kumpanija attrici s-somma hekk likwidata;  bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Jannar 1998 kontra l-kumpanija konvenuta li d-diretturi taghha huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Saviour Ellul, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
1.  Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom konsegwentement jigu respinti bl-ispejjez

kontra s-socjetà attrici stante illi l-appalt moghti mis-socjetà eccipjenti lis-socjetà attrici kien wiehed *lump sum* li allura jfisser illi l-valur tax-xoghol huwa wiehed pre-determinat u ma jistax jigi varjat fl-ebda cirkostanza l-istess valur, hlief f'kaz ta' xogholijiet addizzjonali li però dejjem isiru b'relazzjoni ghall-valur tal-kuntratt originali;

2. Illi l-insostenibilità tat-talbiet attrici hija ukoll imsahha mill-fatt illi t-talba ghall-hlas tas-socjetà attrici kif kontenuta fl-ittra ufficjali taghha - kopja ta' liema qedha tigi mehmuza u mmarkata Dokument MDP 1 - hija wahda sproporzjonata meta mqabbla mal-valur *lump sum* tal-kuntratt principali u ma ssegwix il-principju f'materja ta' kuntratti tat-tip *lump sum* illi l-valur tax-xoghol adizzjonali jigi kkalkulat u mahdum b'relazzjoni mal-valur tal-istess xoghol fil-kuntratt originali;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta, konfermata bil-gurament mill-Avukat Dottor Pio Valletta, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat is-sentenza tal-hamsa (5) ta' Ottubru, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"… tilqa' l-ewwel talba attrici u tillikwida l-ammont dovut bhala dak ta' Lm273,693.00 u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas dan l-ammont lis-socjetà attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Issa mill-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta li *man man* kif kien ghaddej ix-xoghol indikat fil-*Bottle washer area*, is-socjetà konvenuta dehrilha illi jkun ghaqli illi tkompli bix-xogholijiet f'*area* ohra sabiex taghmel it-taqlib li hemm bzonn kollu f'daqqa. Invista illi s-socjetà attrici kienet inkarigata bix-xoghol originali fil-*bottle washer area*, is-socjetà konvenuta deherilha illi kellha tinkariga lis-socjetà attrici b'dan ix-xoghol addizzjonali fil-*cold store area*.

"Mix-xhieda li ngiebet quddiem din il-Qorti irrizulta wkoll illi ghan-naha tas-socjetà attrici ix-xoghol kien qieghed jigi

sorveljat mill-perit Philip Grech mentri ghan-naha tas-socjetà konvenuta kien hemm inkarigat l-AIC David Xuereb u kien l-*engineer* George Bugeja ghan-naha tas-socjetà konvenuta li kien talab li s-socjetà attrici taghmel ix-xoghol addizzjonali.

“Illi s-socjetà konvenuta, meta giet sabiex izzid ix-xogholijiet ghas-socjetà attrici, ftit apprezzat id-dimensjoni tax-xogholijiet li kellhom isiru u l-ispejjez li potenzjalment kienet ser tinkorri kemm il-darba jsiru dawn ix-xogholijiet. Fil-fatt mix-xhieda li nghatat jirrizulta illi filwaqt illi x-xogholijiet godda, fin-natura taghhom, kienu *più o meno* identici ghax-xogholijiet li saru fil-*bottle washer area*, minn naha l-ohra kien hemm hafna aktar xoghol x’isir u meta s-socjetà attrici giet sabiex tkejjel ix-xogholijiet addizzjonali rrizulta illi dawn, bhala kejl u allura valur, kienu cirka erbgha u sebghin darba aktar mix-xoghol li kien sar originarjament fil-*bottle washer area* bil-konsegwenza illi, meta gew applikati r-rati tal-ittra tat-12 ta’ Awissu, 1997 il-kont tela ghall Lm274,500.82.

“Irid jinghad illi l-kejl ma giex kontestat mis-socjetà konvenuta.  Li kkontestat is-socjetà konvenuta huwa li s-socjetà attrici ma kellhiex tithallas ghal dawn ix-xogholijiet bir-rati ndikati fil-*Bill of Quantities* annessa mal-ittra tat-12 ta’ Awissu, 1997.

“Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha s-socjetà konvenuta qeghda tikkontendi ‘illi l-appalt moghti mis-socjetà konvenuta lis-socjetà attrici kien wiehed *lump sum* li allura jfisser illi l-valur tax-xoghol huwa wiehed predeterminat u ma jistax jigi varjat fl-ebda cirkostanza l-istess valur, hlief f’kaz ta’ xogholijiet addizzjonali li però dejjem isiru b’relazzjoni ghall-valur tal-kuntratt originali’.

“Il-Qorti allura trid tiddeciedi jekk fil-kaz in ezami l-ftehim kienx fuq kuntratt ta’ appalt fejn giet miftehma *lump sum* irrispettivament min kemm kien ser isir xoghol, jew inkella kienx hemm ftehim ta’ appalt fejn il-valur tax-xogholijiet li kellhom isiru kellhom jigu kalkolati a bazi ta’ *Bill of Quantaties*.

“Issa mill-provi li ngiebu jirrizulta illi fl-ittra tat-12 ta’ Awissu, 1997 mhux talli ma hemm imsemmi imkien il-kelma *lump sum*, talli waqt li tiffissa l-valur tal-offerta ghax-xoghol inizjali fis-somma ta’ Lm3,231.28 tintuza biss il-kelma *quotation* u mal-istess ittra hemm annessi l-kalkoli li saru b’rata fissa. Kieku kienet *lump sum* ma kienx ikun hemm bzonn li jigi mehmuz il-*bill of quantities*. Il-Perit P. Grech xehed li huma pplikaw ir-rata u hargu ammont u mhux hargu somma wahda *lump sum*, ikun kemm ikun ix-xoghol. L-ideja li jingibed total kienet biex tiffacilita l-verifiki li jrid jaghmel il-klijent qabel jaccetta l-offerta. Fil-kas tal-*lump sum contract*, meta jizdied ix-xoghol, ix-xoghol irid jitwaqqaf u jigi negozjat kuntratt gdid. Anke it 25% jintalbu bhala *commitment* li gie accettat ix-xoghol.

“Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti il-ftehim bejn il-partijiet ma kienx illi s-socjetà attrici kellha tithallas *lump sum* ghax-xogholijiet kollha indipendentement minn kemm isir xoghol minnha u minn kemm jizdied ix-xoghol mis-socjetà konvenuta.

“Is-socjetà konvenuta fl-eccezzjoni taghha tikkontendi illi l-valur tax-xogholijiet tas-socjetà attrici ma setax jigi varjat hlief f’kaz ta’ xogholijiet addizzjonali. Mhux kontestat li x-xoghol addizzjonali sar, u l-volum ta’ dan ix-xoghol kif imkejjel mis-socjetà attrici ma giex kontradett mis-socjetà konvenuta. Fil-fatt il-konvenuti ma kejlux. Li jrid jigi deciz allura huwa x’rati ghandhom japplikaw ghal dawn ix-xogholijiet addizzjonali. Mix-xhieda jirrizulta illi fil-perjodu illi kien qieghed jigi esegwit ix-xoghol addizzjonali, is-socjetà konvenuta qatt ma qajmet il-kwistjoni dwar kemm ser iqumu dawn ix-xogholijiet godda. Is-socjetà konvenuta setghet talbet lis-socjetà attrici illi tissottometti *quotation* ghal dawn ix-xogholijiet godda qabel dawn jinbdew. Però ma ghamlitx hekk. Anzi halliet lis-socjetà attrici tipprocedi minghajr intoppi u taht is-supervizjoni taghha u minghajr qatt ma gharrfitha illi ghal dawn ix-xogholijiet addizzjonali ma kienitx ser tithallas peress li kien hemm ftehim ta’ *lump sum*.

“Ghal dawn ir-raguni[jiet] l-Qorti hija tal-fehma illi gjà la darba ix-xogholijiet saru mis-socjetà attrici, gjà la darba

mhuwiex kontestat li x-xogholijiet saru skond is-sengha u l-arti, gjà la darba illi l-kejl tax-xogholijiet kif sar mis-socjetà attrici u elenkat fl-ittra tal-24 ta' Ottubru, 1997 (a fol. 30) ma giex kkontestat, allura ma hemm ebda raguni ghalfejn ma ghandhomx japplikaw l-istess rati li gew applikati ghax-xoghol originali.

"Il-valur tax-xogholijiet kollha allura tela ghal Lm274,500.82 li minnhom thallas l-ammont ta' Lm807.82 b'bilanc rimanenti dovut ta' Lm273,693.00."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà konvenuta illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet illi tigi revokata s-sentenza appellata u illi minflok jintlaqghu l-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta appellanti, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-socjetà attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi l-appell tas-socjetà konvenuta ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà appellanti u illi tigi konfermata s-sentenza appellata;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, tajjeb illi jigi konstatat illi, kif jirrizulta mill-att ta' citazzjoni u min-nota ta' eccezzjonijiet ghaliha, il-kwistjoni kardinali involuta f'din il-kawza hija d-derminazzjoni ta' x'ghamla ta' kuntratt ta' appalt gie konkordat bejn il-kontendenti, jekk hux wiehed illi l-valur tieghu huwa bazat fuq rati, maghruf bhala *measurement contract* - kif tippretendi s-socjetà attrici - jew jekk hux wiehed maghruf bhala *lump sum contract* - kif tippretendi s-socjetà konvenuta;

Illi tajjeb illi jigi konstatat ukoll illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, mid-dokument MP2 esibit a fol. 14 u 15 tal-process ma jirrizultax b'mod car u inekwivoku liema tip ta' kuntratt ta'

appalt waslu ghalih il-kontendenti u illi, ghalhekk l-ewwel Qorti kellha necessarjament tinterpreta l-volontà tal-kontraenti mill-assjem tal-provi kollha prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tar-rikors ta’ appell tas-socjetà konvenuta fid-dawl tal-konstatazzjonijiet maghmula fiz-zewg (2) paragrafi ta’ qabel dan, jirrizulta illi fil-prattika, l-aggravju tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u b’hekk waslet ghall-konkluzjoni, ukoll zbaljata, illi fil-kaz odjern *non si tratta* minn *lump sum contract* izda *si tratta* minn *measurement contract*;

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, tikkonkludi illi l-ewwel Qorti, *sia pure* b’mod relattivament konciz, ghamlet apprezzament korrett tal-provi prodotti u b’hekk waslet ghall-konkluzjoni, ukoll korretta, illi l-ftehim milhuq bejn il-kontendenti sabiex isiru x-xogholijiet originali jammonta ghal *measurement contract*. Konsegwentement, l-aggravju tas-socjetà konvenuta mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, nonostante dak illi inghad fil-paragrafu ta’ qabel dan, huwa xieraq illi jigu konsidrati xi sottomissjonijiet maghmula fir-rikors ta’ appell mis-socjetà konvenuta bl-iskop illi ssostni l-imsemmi aggravju taghha;

Fl-ahhar paragrafu tat-tielet (3) pagina tar-rikors ta’ appell is-socjetà konvenuta tghid hekk:
“Illi dwar il-kwalità tal-kuntratt originarjament miftiehem, is-socjetà esponenti filwaqt li tirreferi ghall-kontenut tan-nota ta’ sottomissjonijiet minnha ntavolata, jidhirlu [*sic*] li ghandu jigbed l-attenzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti ghall-fatt [illi] fil-kuntratt tat-12 ta’ Awissu 1997, il-kwotazzjoni tindika b’mod car l-ammont ta’ Lm3231.28,2. Minn naha tieghu, il-perit Grech xehed li dan il-kuntratt kien wiehed tal-kejl u mhux *lump sum* u biex isahhah it-tezi tieghu xehed li l-ammont imsemmi huwa wiehed indikattiv ta’

kemm ghandu jigi l-valur tal-kuntratt. Ghalkemm huwa minnu li l-kuntratt ma jsemmix il-kelma *lump sum*, huwa minnu wkoll li c-cifra ta' Lm3231.28 hija indikata bhala cifra fissa **u mhux bhala cifra indikattiva**. Li kieku ma kienx hekk, m'hemmx dubju li kienet tigi inserita l-kelma *approximately*, liema kelma ma jirrizultax li ntuzat. Barra minn hekk, il-fatt li ntalab il-hlas ta' depositu ta' 25% ta' dan l-ammont fiss - liema ammont kien effettivament thallas mis-socjetà konvenuta lis-socjetà attrici - jikkonferma wkoll li c-cifra in kwistjoni kienet wahda fissa u mhux wahda varjabbli."

Kemm dawn is-sottomissjonijiet tas-socjetà konvenuta m'humiex validi jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet segwenti:

(i) Il-fatt illi qabel jew wara c-cifra LM3231.28 ma giet inserita l-kelma *approximately* ma jwassalx necessarjament ghall-konsegwenza illi l-kuntratt relattiv huwa wiehed *lump sum*.

(ii) Mhux kontestat bejn il-kontendenti illi ftit granet qabel ma ntlahaq il-ftehim in kwistjoni, precizament fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju, 1997, gie ffirmat kuntratt ta' appalt bejn il-kontendenti biex jigi esegwit xoghol simili ghal dak in kwistjoni. Kopja ta' dan l-ahhar imsemmi kuntratt hija esibita a fol. 65 u 66 tal-process. Ma hemmx dubbju illi dan mhux *lump sum agreement* ghaliex parti mill-klawsola numru tnax (12) ta' l-istess kuntratt taqra hekk:

"*The final cost will be on the basis of measured works at the below rates …*";

(iii) Ghalkemm, kif ghadu kemm inghad, il-kuntratt ta' appalt a fol. 65 u 66 mhux wiehed illi permezz tieghu gie miftiehem *lump sum payment*, fih xorta wahda, bhal fil-kaz in ezami, is-socjetà attrici esigiet illi, qabel ma jibdew ix-xogholijiet relattivi, is-socjetà konvenuta thallasha depozitu. Il-klawsola numru tlettax (13) tal-kuntratt ta' appalt a fol. 65 u 66 tibda b'dawn il-kliem:

"*Agreed terms of payment are (I) 20% deposit on signing of this contract* …";

Inoltre, ghalkemm fl-ahharnett ta' l-istess kuntratt ta' appalt hemm il-kliem "**CONTRACT VALUE [Lm]4135.26**",

xorta wahda din ic-cifra, in vista tal-klawsola 12 hawn fuq citata, hija varjabbli;

Fl-ewwel (1) paragrafu ta' l-ahhar pagina tar-rikors ta' appell is-socjetà konvenuta tghid hekk:
"Illi fl-ahharnett, ghandu jinghad li l-Ewwel Qorti f'ebda mument ma investigat il-kwistjoni dwar jekk effettivament sarx ix-xoghol addizzjonali mis-socjetà attrici, anke jekk dan ma kienx awtorizzat mis-socjetà konvenuta. Inoltre l-Ewwel Qorti naqset li tinnomina perit tekniku - kif *del resto* intalab mis-socjetà attrici stess fic-citazzjoni - u dan sabiex tassigura li l-kejl mehud mill-istess socjetà kien wiehed korrett u anke biex tikkontrolla x'rati intuzaw biex il-kont finali wassal ghal ammont inkredibbli u esorbitanti ghall-ahhar";

Ghar-ragunijiet illi sejrin jissemmew issa, anqas is-sottomissjonijiet maghmula mis-socjetà konvenuta fil-parti appena citata tar-rikors ta' appell ma huma validi:
(i) Mhux minnu illi "… l-Ewwel Qorti f'ebda mument ma investigat il-kwistjoni dwar jekk effettivament sarx ix-xoghol addizzjonali mis-socjetà attrici ..", ghaliex dwar din il-materja fis-sentenza appellata jinghad:
"Mhux kontestat li x-xoghol addizzjonali sar, u l-volum ta' dan ix-xoghol kif imkejjel mis-socjetà attrici ma giex kontradett mis-socjetà konvenuta."

L-ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tghid izjed minn hekk, specjalment tenut kont ta' liema eccezzjonijiet ressqet is-socjetà konvenuta kontra t-talbiet attrici;
(ii) Tajjeb illi jigi rilevat illi s-socjetà konvenuta mhix korretta ghal kollox meta tghid illi fl-att ta' citazzjoni s-socjetà attrici talbet in-nomina ta' perit tekniku. Infatti, t-tieni (2) talba attrici taqra hekk:
"konsegwentement tillikwida s-somma dovuta ghax-xogholijiet esegwiti fuq riferiti <u>okkorrendo</u> permezz ta' perit nominandi" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Peress illi, kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, l-entità tax-xogholijiet addizzjonali ma gietx kontestata mis-socjetà konvenuta, ma kienx hemm lok ghan-nomina ta' espert

tekniku. Nomina simili kienet biss izzid l-ispejjez gudizzjarji inutilment;
(iii) Ma kienx hemm il-htiega ta' nomina ta' espert tekniku sabiex l-ewwel Qorti "tikkontrolla x'rati intuzaw biex il-kont finali wassal ghal ammont inkredibbli u esorbitanti ghall-ahhar" ghaliex, kif jinghad tajjeb fis-sentenza appellata:
"… l-Qorti hija tal-fehma illi gjà la darba ix-xogholijiet saru mis-socjetà attrici, gjà la darba mhuwiex kontestat li x-xogholijiet saru skond is-sengha u l-arti, gjà la darba illi l-kejl tax-xogholijiet kif sar mis-socjetà attrici u elenkat fl-ittra tal-24 ta' Ottubru, 1997 (a fol. 30) ma giex ikkontestat, allura ma hemm ebda raguni ghalfejn ma ghandhomx japplikaw l-istess rati li gew applikati ghax-xoghol originali" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell tas-socjetà konvenuta u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mis-socjetà konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------